MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Numru 235/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**VS**
**IRVIN GALEA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Irvin Galea ta' 20 sena, iben Patrick u Josephine nee' Gould, imwieled Pieta' fit-30 ta' Dicembru 1987, residenti fil-fond 168, 'Galeone' Triq il-Balliju Guttenberg, Swatar, Msida u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 27688(M).

Billi huwa akkuzat talli:

Nhar is-6 ta' Gunju 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'diversi lokalitajiet madwar Malta b'qerq fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b'qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunika jew

ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu u cirkostanzi, bhala ufficjal ta’ operatur postali, agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 30, tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, Dok.MM2 (a fol.4) u dak ta’ l-imputat (a fol.4a) ;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 14 ta’ Mejju, 2009;

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti akkordat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni ta’ l-imputat, il-Qorti ssib lill-imputat, Irvin Galea, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikolu 30 tal-Kap.254 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista tal-fatt illi l-imputat kien ittrattieni bi ftit jiem milli jimposta ammont ta’ *magazines* u riklami, in vista’ ta’ l-eta’ giovanili tieghu u in vista ta’ l-ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------